MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Appell Civili Numru. 1096/1990/2

**Joseph Bowman ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Parnis England Trucking Limited**

**v.**

**Andrew Calascione u George Tayar bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Supermarkets (1960) Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc fl-4 ta' Ottubru, 1990 l-attur nomine ippremetta illi fuq talba tas-socjeta` konvenuta s-socjeta` attrici pprestat servizzi ta' trucking lill-istess socjeta` konvenuta f'diversi okkazzjonijiet ghall-prezz globali ta' LM9,915.36 (Dok A); illi sallum is-socjeta` konvenuta halset biss in akkont is-somma ta' LM4,967.13 u ghalhekk baqghalha thallas il-bilanc ta' LM4,948.23; illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata biex thallas is-socjeta` attrici permezz ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Awissu, 1990, izda baqghet inadempjenti; in segwitu talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, l-konvenuti fil-kwalita` taghhom predetta jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kundannati jhallsu lis-socjeta` attrici is-somma ta' LM4,948.23,0 rappresentanti drittijiet u spejjez ta' trucking. Bl-imghax legali mit-3 ta' Frar, 1990 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Awissu, 1990.

B'nota pprezentata fil-31 ta' Ottubru, 1990 s-socjeta` konvenuta eccepiet:-

1. Li fl-ewwel lok mhux dovut l-ammont kollu mitlub mill-attur nomine u

2. L-ammont fil-fatt dovut hu kompensat minn ammont iehor dovut mill-attur lill-konvenuti nomine li dwaru ser jaghmlu kontro-talba.

Fid-29 ta' Novembru, 1990 il-konvenuti nomine ppresentaw kontro-talba fejn gie premess:-

1. Illi huma ghandhom arrangamenti mal-attur nomine biex dan jipprovdilhom servizz ta' trucking u jehdilhom hsieb l-assigurazzjoni tal-merkanzija hekk transportata minnu.

2. Li ghal dan l-iskop ghandhom kont miftuh bejniethom fejn perjodikament jithallsu jew jigu reciprokament skontati ammonti dovuti lil xuxlin – cioe` pagamenti ghal trasport u premiums ta' *insurance* dovuti mill-konvenuti rikonvenzjona[n]ti lill-attur rikonvenzjonat, u

rifuzjoni mill-attur rikonvenzjonat lill-konvenuti rikonvenzjonanti ta' *insurance claims* li dawn jaghmlu.

3. Illi fuq il-konsenji li l-attur nomine qieghed jitlob l-bilanc tal-pagament ghat-trasport u *premiums* ta' l-*insurance*, il-konvenuti ghandhom "*insurance claims*" ghal nuqqasijiet ammontanti ghal LM4005.89 (erbat elef u hames liri disgha u tmenin centezimu) liema ammonti l-attur rikonvenzjonat irrifjuta li jhallas jew ipaci bhas-soltu. Kien ghalhekk illi l-konvenuti zammew lura dan l-ammont meta gew biex ihallsu l-invoice tat-trasport u *insurance*.

Dan premessi l-konvenuti rikonvenzjonanti talbu li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-ammont ta' LM4005.89 ghal '*insurance claims*' fuq imsemmi hu dovut mill-attur noe rikonvenzjonat bil- (recte "lill-") konvenuti rikonvenzjonati; u

2. tikkundanna lill-attur nomine rikonvenzjonat jhallas lill-konvenuti nomine rikonvenzjona[n]ti s-somma ta' LM4005.89 fuq imsemmi u

3. konsegwentement tiddikjara li dan l-ammont ghandu jikkompensa l-ammont ekwivalenti li jista' jigi dikjarat dovut mit-talba ta' l-attur rikonvenzjonat fic-citazzjoni 1096/90 prezentata minnu.

B'nota pprezentata fis-7 ta' Dicembru, 1990 l-attur rikonvenzjonat eccepixxa:-

1. illi t-talba tal-konvenut et noe hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li hu ma kienx l-assikuratur tal-merkanzija li ghaliha qieghed jirreferi vagament il-konvenut et noe bil-kliem "*insurance claims*".

2. Illi subordinatament ghalhekk l-azzjoni tal-konvenut et noe ghandha tkun diretta lejn s-socjeta` assikuratrici u mhux kontra l-attur noe.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tas-26 ta’ Novembru, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet minn din il-vertenza billi, fi kliem l-istess sentenza “*tilqa’ kemm it-talba attrici fis-sens li dawn is-sorte kienu dovuti fl-ammont kif mitlub, tilqa’ wkoll il-kontro-talba tal-konvenuti nomine u ghalhekk, stante t-tpacija, tikkundanna lill-konvenuti nomine li jhallsu lill-attur nomine l-ammont bilancjali ta’ disa’ mija tnejn u erbghin lira Maltin u erbgha u tletin centezimu (LM942.34) bl-interessi legali mit-3 ta’ Frar 1990 fuq dan l-ammont sal-hlas effettiv. Il-kap ta’ l-ispejjez ghandu jigi sopprtat nofs bin-nofs (50:50) bejn il-kontendenti.*”

Tajjeb li jinghad f’dan l-istadju li din il-kawza kienet originarjament deciza b’sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tal-21 ta’ Marzu, 1994 meta dik il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni r-rapport legali mahluf fl-udjenza tat-18 ta’ Marzu, 1993, kif ukoll is-sottomissjonijiet ta’ l-attur nomine, u dan billi l-konvenuti nomine illimitaw ruhhom li jaderixxu mal-konkluzzjonijiet ruggunti fir-rapport legali, laqghat it-talba attrici limitatament ghas-somma inferjuri ta’ LM942.34 billi, f’dan is-sens kienet qeghdha takkolji in parte il-kontrotalba tal-konvenuti nomine, u ordnat li l-ispejjez jithallsu nofs bin-nofs u kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas l-imghax fuq l-ammont likwidat bhala dovut b’effett mit-3 ta’ Frar 1990.

Is-socjeta` attrici appellat dik is-sentenza u din il-Qorti, kif dakinhar komposta, b’sentenza moghtija fis-7 ta’ Ottubru, 1997, wara li rriteniet li l-ewwel Qorti kienet ghamlet sew meta ddecidiet li s-socjeta` attrici kienet il-legittimu kontradittur tas-socjeta` konvenuta fir-rigward ta’ dawn l-*insurance claims* u f’dan ir-rigward ikkonfermat is-sentenza tal-prim istanza, laqghat l-appell tas-socjeta` attrici u rrevokat is-sentenza appellata, spejjez bin-nofs u meta rrimettiet l-atti lill-ewwel Qorti ordnat li “*biex fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet espressi ta’ din is-sentenza* (dik il-Qorti) *tisma’ l-provi dwar il-kontrotalba fil-mertu tenut kont ta’ eccezzjonijiet li l-attur nomine jista` jkollu ghaliha u wara finalment tiddecidi kemm it-talba kif ukoll il-*

*kontrotalba.”*[1] Skond l-istess sentenza dan l-ezercizzju kien jehtieg li jsir, billi:-

a) ghalkemm kien hemm ftehim illi s-socjeta` attrici taccetta li taghmel tajjeb ghall-“*insurance claims*” tal-konvenuti nomine xorta jibqa’ l-fatt li l-*insurance claims* ma kienx dejn likwidu, cert u dovut u konsegwentment ma kienx possibbli li ssir tpacija a tenur ta’ l-Artikolu 1196 tal-Kap 16;

b) il-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta hija indikata bhala ‘*claims*’ u bhala tali dawn mhux biss ghandhom jigu minnhom precizati u minnhom pruvati imma l-attur nomine, bhala allegat debitur, ghandu jkollu l-opportunita` shiha li jivverifikahom u jekk ikun il-kaz jikkontestahom.[2]

In segwitu ghal dan l-attur nomine b’rikorsipprezentat fit-18 ta’ Frar, 1998 talab li jigi ammess jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri fejn kien qed jigi eccepit “*illi t-talbiet tas-socjeta` konvenuta ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, stante li l-“insurance claims” mhumiex koperti mill-polza ta’ assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` konvenuta ghat-trasport tal-merkanzija in kwistjoni u b’hekk tali claims mhux gustifikabbli*.” [3]

B’sentenza in parte tal-5 ta’ Novembru 1998 il-Qorti ta’ prim istanza – li issa kienet il-Prim Awla tal-Qorti Civili – wara li hadet konjizzjoni tat-talba kontenuta fir-rikors, ta’ dak li inghad fis-sentenza ta’ din il-Qorti tas-7 ta’ Ottubru 1997, tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti u tal-fatt li dawn il-proceduri gew istitwiti ferm qabel l-emendi li introducew regoli godda fir-irgward tal-prezentata ta’ l-eccezzjonijiet, ammettiet l-eccezzjoni ulterjuri b’dana pero` li tat il-fakolta` lill-partijiet jressqu dawk il-provi kollha in konnessjoni mal-istess.[4]

In vista tal-premess kif ukoll ta’ l-aggravji mressqa mis-socjeta` attrici f’dan l-appell huwa xieraq li tigi riprodotta

[1] Fol. 136 tergo.
[2] Fol. 136
[3] Fol.142
[4] Fol. 161

verbatim dik il-parti tas-sentenza appellata [5] kontenenti l-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti biex waslet ghad-decizjoni fuq imsemmija:-
“Ikkunsidrat li minn dak li gie deciz mill-Qorti ta’ l-Appell ghandu jemergi kjarament illi l-atti gew rinvjati quddiem din il-Qorti biex jigu decizi sija t-talba ta’ l-attur nomine, kif ukoll il-kontro-talba tal-konvenut nomine.

“Illi dwar it-talba ta’ l-attur nomine ghandu jinghad li kwantu ghall-ammont ta’ LM4,948.23 rapprezentanti drittijiet u spejjez ta’ *trucking* reklamati mill-attur nomine, m’hemmx kontestazzjoni ut sic dwarhom bhala li kienu dovuti, fl-ammont indikat u li sal-lum ma thallsux. L-oppozizzjoni ghall-hlas taghhom gejja invece mill-eccepita kompensazzjoni da parti tal-konvenuti nomine fis-somma ta’ LM4,005.89 li effettivament hija l-bazi tal-kontro-talba maghmula mill-konvenuti nomine. Dan ifisser li t-talba attrici fl-ammont dedott tirrizulta dovuta pero` trid tigi investigata anke l-imsemmija kontro-talba, billi jekk tirrizulta fondata, iggib allura l-konsegwenza li l-bilanc talvolta dovut lill-attur nomine jkun biss id-differenza bejn iz-zewg ammonti, jigifieri l-ammont ta’ LM972.34.

“Ghandu jinghad li in segwitu tar-rinvjar ta’ l-atti mill-Qorti ta’ l-Appell, l-attur rikonvenzjonat eccepixxa ulterjorment kif gej (fol 143):

“*Illi t-talbiet tas-socjeta` konvenuta ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, stante li l-‘insurance claims’ m’humiex koperti mill-polza ta’ assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` konvenuta ghat-trasport tal-merkanzija in kwistjoni u b’hekk tali ‘claims’ mhux gustifikabbli.*”

“L-attur nomine jsostni li l-kontroparti konvenuta ma rnexxilhiex tipprova li huwa kien responsabbli ghall-hlas tad-danni reklamati mill-konvenuti nomine u dana kemm jekk il-kontro-talba kellha tigi ezaminata fil-kuntest ta’ azzjoni ta’ danni naxxenti “ex contractu” u kemm jekk din tigi mistharga bhala “*insurance claim*”. L-attur nomine imbaghad jaghmel riferenza estensiva ghax-xhieda li

[5] Sentenza tas-26 ta’ Novembru, 2001 fol. 256 et seq.

nghatat minn Joseph Bowman u Sandro Camilleri u ghad-dokumenti esebiti fil-kors tal-gbir tal-provi. Jirreferi mbaghad ghall-“International Consignment Note” (a fol. 203 tal-process) u partikolarment ghar-rizerva li l-merkanzija giet “received unexamined” u bil-premessa “shipper loaded and countered” u li din il-merkanzija tghabbiet b’mod issigilat mill-“principal” tal-konvenuti stess.

“In risposta, il-konvenuti nomine wara li accennaw markatament ghall-fatt li, bil-maqlub ta’ l-impressjoni li qabel ried jaghti x’jifhem l-attur nomine, dan kellu fil-pussess tieghu ghadd ta’ dokumenti u korrispondenza li kienet turi car u tond li l-konvenuti nomine kienu poggewh sa mill-bidunett f’qaghda li almenu jkun jaf x’kienet ezattament il-pretensjoni taghhom u li ghalhekk qatt ma seta’ jghid – kif qal – la ma kellu “*l-ebda hjiel*” dwar tali “*claim*” da parti ta’ l-istess konvenuti. B’kuntrast ma’ dan, issa l-attur nomine kien qed jintenta juri li ma setax kien hemm tassew nuqqasijiet fil-konsenja tal-merkanzija <u>de quo.</u>

“L-argument ewlieni da parti ta’ l-attur nomine huwa mibni fuq il-fatt li dato l-merkanzija <u>de quo</u> tghabbiet mill-“principal” tal-konvenuti nomine u l-“container” twassal issigillat ghandhom, allura hu ma kien qatt seta’ jigi tenut responsabbli ghar-rizarciment.

“Illi din il-Qorti tinnota li l-attur nomine strah maggorment fuq ix-xhieda tieghu stess u fuq dik li nghatat minn Sandro Camilleri, parti interessata in kwantu mpjegata mieghu. Kif tajjeb sostnew il-konvenuti nomine id-dokument markat JB3 jikkonsisti biss f’ “request for information” maghmula mis-“surveyor” lid-ditta attrici – liema informazzjoni giet allura trasmessa mill-attur nomine innifsu. Din certament ma tikkostitwixxix l-ahjar prova. Aktar kien ikun affidabbli s-“Survey Report” relativ – li ma giex esebit. Fuq kollox, din il-Qorti jkollha necessarjament taghti piz qawwi, kwantu ghal evalwazzjoni u apprezzament ta’ liema verzjoni hija kredibbli u affidabbli, tal-fatt li fl-istess waqt li l-attur nomine kien isostni li ma kellux hjiel tal-lanjanzi u “*claims*” da parti tal-konvenuti nomine, dawn l-istess

konvenuti nomine kienu gja’ fornewh bit-taghrif kollu li htieglu. Gara pero` li fejn qabel, trattandosi ta’ ammonti u “*claims*” izghar, l-attur nomine kien ihallas u jpaci kreditu ma’ iehor, din id-darba u fejn l-ammont deher wiehed sostanzjalment elevat, biddel il-prassi stabbilita u vigenti bejn il-kontendenti billi ddecieda li ma jonorax anzi jinjora l-istess “*claim*”. Minn imkien ma jirrizulta li f’xi okkazzjonijiet precedenti fir-rapport ta’ negozji li kellhom bejniethom il-partijiet, qatt kien hemm xi allegazzjoni jew allegazzjonijiet ta’ agir skorrett jew dikjarazzjonijiet foloz da parti tal-konvenuti nomine. Illi ghalhekk fuq bazi ta’ probabilita` u preponderanza ta’ provi, din il-Qorti jidhrilha li ghandha tipprevali t-tezi tal-konvenuti nomine fis-sens li huma tabilhaqq sofrew id-danni reklamati minnhom fil-kontro-talba fl-ammont hemm indikat. Dejjem f’dan il-kuntest ix-xhieda, mhux kontradetta, moghtija minn Tessie Frendo, impjegata mas-socjeta` konvenuta, ghandha tirrizulta skjetta u elokwenti bizzejjed (ara fol. 74),

“*Jien semplicement nigi moghtija kopja tal-“claim” u jien inhalli ftit zmien jghaddi u meta nara li c-cekkijiet ma waslux minghand Parnis England kont niccekkja ghaliex il-pagament ma sarx. Ghandi nghid illi l-posta niftaha jien, allura l-ewwel li nkun naf wasalx il-pagament jew le kont inkun jien.*

*“Gieli kienu jibghatulna cekkijiet li kien ikopri konsenja. Dawn kienu kemm zghar u kemm kbar. Gieli pacejniehom ukoll u min kellu jiehu d-differenza kien johodhom. <u>Qatt ma kellna kwistjonijiet qabel din id-darba</u>.*

*“Din id-darba meta rajt li kellna “claims” m’humiex issetiljati kont cempilt lis-socjeta` attrici u kellimt lil Joseph Bowman (drabi ohra gieli tkellimt fuq kazi ohra lil Sandro Camilleri wkoll).*

*“Is-Sur Bowman meta kont cempiltlu biex tigi settled il-“claim” <u>kien qalli li l-‘claim’ kienet kbira u ghalhekk qeghdin idumu biex ihallsu.”</u> (sottolinear tal-Qorti).*

“Mis-suespost, jirrizulta li l-pretest li ma kienx hemm rapport guridiku jew “*insurance cover*” ma’ l-attur nomine

u li l-"*container*" twassal intatt u ssigillat ghand id-destinatarju tieghu saru ferm wara. Li evidentement jidher li gara f'dan il-kaz hu li wara li l-attur nomine ikkomunika mal-kumpanija assiguratrici biex din taghmel tajjeb ghall-oggetti misjubin nieqsa mil-konsenja u wara li din l-istess kumpanija assiguratrici wriet li ma kienitx sejra thallas ghaliex ma kienitx sodisfatta b'dak li gie mghoddi lilha, allura l-attur nomine minn hemm beda juri li ma kienx aktar propens li jonora l-"*claim*" tal-konvenuti nomine. Sa dakinhar l-attur nomine – u da jidher mill-korrispondenza esebita fl-atti tal-kawza, huwa ma kienx qieghed jiddubita mill-veracita` dwar dak li kien qed jigi mitlub jirrizarcixxi min-naha tal-konvenuti nomine. Illi meta xehed zmien wara, l-attur nomine, fit-2 ta' Marzu 2000 jghid li wara li kien ghad baqa' skopert il-bilanc ta' LM9,500, li wara gie ridott billi saru xi hlasijiet akkont "f'daqqa wahda faqqghu '*insurance claim*' li bazikament hija ta' l-istess ammont li kien dovut lilna." Il-fatti pero` juru li f'din il-vicenda ma gara xejn subitaneju. Ma kien hemm l-ebda sorpriza min-naha tal-konvenuti nomine. Kull taghrif li dawn intalbu li jfornu, inkluz in-numri tas-sigilli u elenku tal-merkanzija nieqsa, giet mghoddija bla diffikulta`. Is-'sorpriza' giet invece min-naha attrici li meta ntebhet li l-assikurazzjoni bdiet timmanifesta riluttanza li taccetta din il-"*claim*", l-attur nomine f'daqqa wahda ddecieda li jbiddel l-atteggjament tieghu versu l-konvenuti nomine. Certament il-produzzjoni ta' l-ufficjali doganali riferibbilment ghall-istat tas-sigilli kienet tkun wahda determinanti, naha jew ohra, imma hadd minn dawn l-ufficjali ma gie mtella' b'xhud. L-attur nomine, pprefera, minflok, li jistrieh fuq xhieda tieghu u ta' impjegat tas-socjeta` u korrispondenza li harget minghandu. Din il-Qorti hija tal-fehma li meta wiehed iqis u jevalwa tezi ma' ohra, ghandha tipprevali u tintlaqa' l-kontro-talba tal-konvenuti nomine fl-ammont dedott."

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors ipprezentata fis-17 ta' Dicembru, 2001 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirriforma l-imsemmija sentenza billi tikkonfermaha fejn laqghet it-talba ta' l-appellanti u

tirriformha fejn laqghet il-kontrotalba u stante t-tpacija kkunadannat lill-appellata thallas is-somma bilancjali ta' disa' mija tnejn u erbghin lira maltin u erbgha u tletin centezimu (LM942.34) bl-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet, billi tichad il-kontro-talba u tilqa' l-eccezzjoni tal-kumpanija appellanti ghall-istess kontro-talba, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess kumpanija appellata noe u bl-imghax mit-3 ta' Frar 1990.

Il-kumpanija appellata, debitament notifikata bir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` attrici, ma resqet ebda risposta u lanqas ma deher hadd ghaliha fl-udjenza tat-8 ta' Gunju, 2004 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

L-aggravju principali tas-socjeta` attrici appellanti huwa marbut mal-akkoljiment tal-kontro-talba u konsegwenti tpacija tal-kreditu tas-socjeta` konvenuta ma' dak tas-socjeta` attrici. Fi kliem ir-rikors ta' l-appell dan l-aggravju huwa bbazat fuq is-segwenti parametri:-

1. Sabiex tapplika l-istituzzjoni ta' tpacija jrid ikun hemm zewg djun li jkunu <u>certi, likwidi u dovuti mentri kull ma kellha l-appellata kienet *claim.*</u>

2. Kien jinkombi fuq l-kumpanija appellata tipprova li kellha *claim* gustifikabbli u mhux l-kumpanija appellanti tipprova li l-*claim* kien gustifikabbli.

3. Tressqu provi sufficjenti li juru li l-*claim* ma kienetx wahda li kienet koperta b'xi polza ta' assikurazzjoni u dana ghaliex ma kienetx taqa' taht xi avveniment kopert.

Wara li saru s-sottmissjonijiet kollha relevanti ghal dan l-aggravju, fl-ahhar tar-rikors ta' l-appell tieghu, l-attur nomine ssottometta wkoll li l-ewwel Qorti naqset milli tichad l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta` appellanti fis-sentenza appellata ai termini ta' l-Artikolu 218 et sequitur tal-Kap 12.

**Ikkunsidrat:-**

**a) Dwar it-tpacija.**

L-istitut ta' tapcija kontemplat fl-Artikolu 1196 et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin ta' somma flus jew kwantita` determinata ta' hwejjeg fungibbli ta' l-istess speci, li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu, issir bejniethom tpacija. Din it-tpacija issehh *ipso jure,* u wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri, hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed. L-ewwel element fl-aggravju tas-socjeta` appellanti huwa bazat proprju fuq dawn ir-rekwiziti ta' dan l-istitut billi qed jinghad li billi l-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta appellata kienet semplici "*claim*" din la kienet certa, la likwida u lanqas dovuta u konsegwentement ma tista' qatt issehh tpacija. Dan l-aggravju huwa rifless f'dak li kienet osservat din l-Qorti fis-sentenza tas-7 ta' Ottubru, 1997 meta akkoljiet is-sottomissjoni tas-socjeta` attrici appelanti li ma seghtetx issir tpacija gja la darba l-ammont reklamat ma kienx likwidu, cert u dovut u li, in kwantu din il-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta kienet semplicement "*claim*", kellha mhux biss tigi precizata izda ukoll pruvata bil-fakolta` lill-kontro parti li tikkontesta l-istess pretensjoni. Kien ghalhekk li din l-Qorti bis-sentenza fuq imsemmija rrevokat s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tal-21 ta' Marzu, 1994. B'dana kollu l-istess Qorti ma cahditx il-kontro talba tas-socjeta` konvenuta u rrimettiet l-atti lill-ewwel Qorti biex jinstemghu l-provi fir-rigward. Dan sar billi minkejja dak li huwa provdut fl-artikoli relattivi ghall-istitut tat-tpacija, l-istitut li jirregola l-istitut tal-"*kontrotalba*" jipprovdi specifikatament li huwa koncess lill-konvenut li jaghmel kontro-talba "*meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li <u>jpaci</u> l-keditu mitlub mill-attur……*"[6] Ghalhekk, salv li ssir il-prova tal-kreditu mill-konvenut, tpacija dejjem tista' ssir u konsegwentement dan l-ewwel inciz ta' l-aggravju tas-socjeta` attrici appellanti mhux gustifikat.

**B. Piz tal-prova.**

Qed jigi sottomess mis-socjeta` attrici appellanti li kien jinkombi fuq l-kumpanija appellata tipprova li kellha *claim* gustifikabbli u mhux il-kumpanija appellanti tipprova li l-*claim* kien mhux gustifikabbli. Dan l-argument huwa

[6] Art. 396(b) tal-Kap 12

bazata fuq il-massima tad-Dritt Ruman li hija riprodotta b'mod konciz fil-Kodici ta' Orgnaizzazzjoni u Procedura taghna fejn jinghad li "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*"[7]

Fil-kaz sottoezami s-socjeta` konvenuta appellata qed issostni li hija kreditrici tas-socjeta` attrici appellanti f'ammont rapprezentanti "*claims*" in konnessjoni ma xi telf fil-merkanzija taghha li giet trasportata mis-socjeta` appellanti. F'dan ir-rigward l-awtur Ingliz O.C. Mazengarb ighid li "*In order to establish his claim to an indemnity, the insured must show that the risk was covered by the terms of the policy.*"[8] U kif jghid l-istess awtur f'pagna 517 tal-ktieb imsemmi "*In determining which risks are covered by insurance and which are not, reference must always be made both to the statutory provisions for compulsory insurance* (li mhux applikabbli fil-kaz in ezami) *and to the policies which are issued ….*" Kien ghalhekk in parti korrett dak li rrilevata s-socjeta` appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha meta qalet: "*L-Onorabbli Qorti Prim Awla qabel xejn, kellha tesigi li tigi ezebita l-polza ta' assikurazzjoni sabiex wiehed ikun jista` jistabilixxi jekk l-allegat telf kienx wiehed kopert minn klawsola hemm kontenuta.*"[9] Biss fil-kaz in ezami nsibu li l-kwistjoni ta' legittimu kontradittur, u konsgewentement l-obbligi naxxenti minn din ir-relazzjoni, hija gja deciza minn din l-istess Qorti meta fis-sentenza taghha tas-7 ta' Ottubru, 1997 waqt li kienet qed titkellem dwar il-htiega li jitressqu provi dwar l-"*claim*" tas-socjeta` konvenuta qalet hekk: "*Dan hu ezercizzju li jehtieg li jsir una volta l-ewwel Qorti <u>sewwa ddecidiet (kif ser tikkonferma wkoll din il-Qorti)</u> li s-socjeta` attrici <u>kienet il-legittimu kontradittur tas-socjeta` konvenuta fir-rigward ta' dawn il-claims</u> ……..*" (sottolinear ta' din il-Qorti). F'dan il-kuntest ghalhekk huwa relevanti dak li jkompli jghid l-awtur Mazengarb fuq citat li, darba stabbilit id-dritt ghall-indennizz "*The onus is then on the insurers to show that the policy is void, or that the risk is within one of the exceptions created by the policy, or that*

[7] Art. 562 Kap 12.
[8] Mazengarb's Negligence on the Highway – 4th Ed. P. 527
[9] fol. 272 tar-rikors ta' l-appell.

*the claim is defeated by the failure of the insured to comply with one of the conditions.*"[10]

Issa fil-kaz in ezami jidher car li filwaqt li s-socjeta` konvenuta appellata ottemperat ruhha mal-obbligi naxxenti minn relazzjoni ta' bejn assikurat u assikurazzjoni jew dik il-persuna obbligata li thallas l-indenniz, u dan
billi tat "*prompt notice*" tal-*claim* kif ukoll forniet "*all the information which the insurers may reasonably require*"[11] ma jirrizulta imkien li s-socjeta` attrici appellanti uriet "*that the policy is void*" jew "*that the risk is within one of the exceptions created by the policy*". Dana mhux biss minhabba l-assenza ta' l-istess polza billi din kienet tkun ukoll mehtiega biex l-"*claim*" jista` jigi michud, izda wkoll minhabba l-fatt li l-unika raguni li l-"*claim*" qed tigi rifjutata hija bazata fuq l-istat "intatt" tas-sigilli meta l-*container* wasal ghand ls-socjeta` konvenuta appellata. Dan il-fatt ma jidhirx li hemm qbil dwaru u l-unika prova f'dan ir-rigward hija dikjarazzjoni li ghamel rapprezentant tas-socjeta` attrici appellanti lill-assikurazzjoni estera minghajr ma biss ikkonsulta ruhu mas-socjeta` konvenuta appellata. Din ghalhekk, kif sewwa sostniet l-ewwel Qorti, mhiex prova cara u nkonfutabbli u bhala tali tibqa' merament allegazzjoni.

Dwar jekk il-"*claim*" tas-socjeta` konvenuta huwiex gustifikabbli jigi osservat li dan il-"*claim*" ma ghandu xejn x'jiddistingwih minn "*claims*" ohra simili li l-istess socjeta` konvenuta appellata kienet resqet f'okkazzjonijiet ohra u ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti tikkondividi l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti li, eskluza kull allegazzjoni ta' qerq, ma issibx li ghandha tiskarta din il-"*claim*" u konsegwentement taccettaha bhala gustifikata. Dan l-aggravju wkoll ghalhekk mhux qed jigi akkolt.

Ir-ragunijiet fuq moghtija japplikaw ukoll ghall-ahhar inciz ta' l-aggravju principali tas-socjeta` attrici appellanti fejn jinghad li tressqu provi sufficjenti li juru li l-*claim* ma kienetx wahda li kienet koperta b'xi polza ta'

[10] p. 527
[11] Mazengarb p. 528

assikurazzjoni u dana ghaliex ma kienetx taqa' taht xi avveniment kopert. Din il-Qorti ghalhekk, filwaqt li taghmel referenza ghal dak li inghad *supra*, tastjeni milli tikkunsidra ulterjorment dan l-inciz.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fil-parti konklussiva tar-rikors ta' l-appell gie rilevat li l-ewwel Qorti naqqset tichad l-eccezzjonijiet ulterjuri ta' l-appellanti fis-sentenza appellata ai termini ta' l-Artikolu 218 *et sequitur* tal-Kap 12. Bil-mod kif inhi impostata din il-kwistjoni mhux car jekk dan jammontax ghall-aggravju li jwassal ghal xi nullita` tas-sentenza appellata. Dan qed jinghad billi t-talba fir-rikors ta' l-appell ma tinvokax xi nullita` tas-sentenza izda din hija limitata ghar-riforma tas-sentenza billi tigi konfermata f'dik il-parti fejn laqghat it-talba attrici u tichad il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta appellata.

B'dana kollu minn ezami tas-sentenza appellata din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju, jekk jista' jissejjah hekk, mhux gustifikat. L-Artikolu 218 jiddisponi li fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun hemm fiha wkoll riferenza ghall-procedimenti, ghat-talbiet ta' l-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut. Is-sentenza appellata jidher li tissodisfa dawn l-obbligi billi tat ragunijiet "in extenso" ghad-decizjoni taghha u finalment laqghet sew t-talba principali kif ukoll il-kontrotalba u b'hekk tat effett ghat-tpacija. Il-fatt fih innifsu li gew milqugha t-talbiet ifisser li gew michuda l-eccezzjonijiet, u l-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn toqghod tidentifika wahda wahda l-eccezzjonijiet li kienu qed jigu michuda.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` attrici appellanti qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata b'dan li l-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------